Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1756/2003

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel Borg sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**George Pace**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm677.76 (sitt mija sebgha u sebghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u sebgha u sebghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu

(Lm677.76), rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-5 ta' April 2002, fi Triq Windsor, Sliema, bejn il-vettura bin-numru BAD 365 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru JNT 384 misjuqa minn Janet Borg u propjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici Emanuel Borg, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar, 2003, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax pagabbli mis-27 ta' Jannar, 2003, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Il-konvenut qed jikkontesta t-Talbiet attrici stante illi l'ewwel lok qed jirrespingi kull pretensjoni ta' responsabilita` jew tort tal-incident awtomobilistiku imsemmi.

Illi t-tieni lok l-incident awtomobilistiku sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Janet Borg, sewwieqa tal-vettura numru JNT 384.

Illi fit-tielet lok, il-konvenut qed jirriserva minn issa d-dritt u jipprocedi ulterjorament kontra s-socjeta` attrici ghad-danni.

Ikkonsidra:
Jirrizulta mill-atti processwali li gew prodotti xhieda orali u dokumentarji de parti unikament tal-atturi.

Relattivament ghal fini ta responsabbilta jirrizulta li l-konvenut hareg minn fuq stop sign biex jesplora t-triq, ghalkemm bil-mod, peress illi l-vizwali tieghu kienet ostakolata minn vetturi pparkjati fuq ix-xellug tieghu.

Il-vettura attrici giet minn dik in-naha u hekk kif ra waqqaf. Kif xehdet Janet Borg il-konvenut waqqaf maghha ossia kif ra gejja ghal fuqhu. It- Tribunal ma jiskontra xejn hazin fil mod tas-sewqan taghha jew li jista ikun kontributorju rigward il- quantum tad-danni dana ma giex kontestat anzi konfortat mid-dokumenti esibiti.

Jiddeciedi billi fil waqt li jichad l-eccezjoni tal-konvenut jilqa'' it-Talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta Lm 677.76 oltre l-interessi u l-ispejjes kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------